MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 1353/1998/1

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta: li l-partijiet kienu gew awtorizzati sabiex jinizzjaw dawn il-proceduri; li l-hajja konjugali kienet saret impossibbli “tort solament ta’ ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, u in effetti l-istess konvenuta ilha li telqet mid-dar xi hmistax-il sena, u abbandunat lill-attur”; u ghalhekk talab li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b’ tort esklussiv tal-konvenuta; [2] tordna x-xoljiment, likwidazzjoni, u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti; u [3] tezenta lill-attur minn kwalisiasi manteniment stante abbandun tal-konvenuta;

Rat l-atti tal-kawza numru 1461/96 fl-ismijiet inversi u li titratta l-istess meritu tas-separazzjoni personali; u li dawn iz-zewg kawzi mxew kontestwalment;

Rat is-sentenza moghtija llum minn din il-Qorti fil-kawza precitata;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda, u l-atti kollha prezentati fil-kawza fuq imsemmija;

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Ian B Bailey, u r-rapport tal-perit stimatur Vincent Ciliberti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob is-separazzjoni personali minn ma' martu l-konvenuta, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment tort tal-konvenuta ghar-raguni kontemplata fl-artikolu 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta [fil-kawza numru 1461/96NC] wkoll qed titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha, izda ghar-ragunijiet esklussivament attribwibbli lilu u kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap. precitat.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ampja ghas-sentenza moghtija minnha llum fil-kawza 1461/96NC u taddotta fl-intier taghhom il-konsiderazzjonijiet hemm maghmula u l-konkluzjonijiet hemm raggjunti, kemm ghal dik li hi responsabbilita' ghas-separazzjoni, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-aspett patrimonjali tal-kawza.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament, u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, b' tort esklussiv ta' l-attur;
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens gja' deciz fl-imsemmija kawza;

[3] tichad it-tielet talba kif proposta.

L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------